MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 279/2010

**Kerber Securities Limited**

**vs**

**Marco Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjetà attrici kif prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Awwissu 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef u wiehed u sittin Ewro u sebgha u sittin centesmu (€7,061.67 VAT inkluz) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' sigurta' rezi lilu fuq istruzzjonijiet tieghu stess f'diversi postijet u stabbilimenti bejn is-sena 2008 u s-sena 2009 liema bilanc sa llum ghadu mhux imhallas.

Bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar 2010 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha nkluz ta' l-ittra ufficcjali

pprezentata fil-11 ta' Mejju 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors kollox kontra tieghu u minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Marco Aquilina pprezentata nhar it-12 ta' Ottubru 2010 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi in linea preliminari l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u qatt ma ordna fil-kapacita' tieghu personali servizzi ta' sigurta minghand l-istess socjetà attrici.*
2. *Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà attrici jehtiegilha tressaq prova tas-servizzi li allegatament inghataw lill-eccipjent personalment u tal-valur ta' l-istess imsemmija servizzi skond il-ligi, inkluz inter alia skond* ***Artikolu 562*** *tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*
3. *Illi, fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti billi m'huwiex minnu li l-eccipjent huwa debitur tas-socjetà attrici.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi*."

**Ronald Axisa** xehed nhar il-15 ta' Novembru 2010 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' attrici. Din is-socjeta' toffri servizzi ta' sigurta' ufficjalment gol-klabbijiet kif ukoll f'affarijiet ohrajn kummercjali bhal-Lidl. Huwa stqarr illi huwa dejjem ghamel id-*dealings* tieghu ma' Mark Aquilina imma ma jafx x'jisimha l-kumpanija tieghu. Dokument CSH jindika li huwa ghandu rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Huwa esebixxa sett ta' invoices li gew immarkati bhala Dok. CSH1 li jirrigwardaw is-servizz fejn huma taw sigurta' f'post maghruf bhala 'The Edge', f'St. George's Road, f'Paceville. Huwa jaf li dan jappartjeni lil Marco Aquilina.

Ix-xhud spjega li Marco Aquilina ha l-post maghruf bhala 'The Alley' u huwa semmieh bhala 'Puertorico'. Hemmhekk kien hemm seba' radios li x-xhud kellu jiccekja. Huwa sab li whud minnhom ma kienux jahdmu u ghamel is-service ta' dawn is-sitt radios. L-invoice

immarkata bhala Dok. CSH2 hija l-invoice li x-xhud hallas ghal dawn it-tiswijiet li kienu l-batteriji tar-radios.

Ix-xhud esebixxa wkoll bhala Dok. CSH3 it-time sheets relattivi ghall-hlasijiet li ghandu jtih Marco Aquilina. Huwa spjega li kull hmistax huwa kien johrog il-pagi lis-securities tieghu u s-security James Farrugia kien imur jigbor il-paga tieghu. Sussegwentement James Farrugia kien imur biex jithallas, sabiex jithallas ix-xhud u jigbor il-flus dovuti lix-xhud u dan Marco Aquilina ma kienx ihallsu. Ix-xhud stqarr illi Marco Aquilina dejjem hallsu cash go envelopp kannella. Huwa qatt ma rcieva dokumentazzjoni minghand Marco Aquilina. Fuq l-envelopp kien jikteb l-isem tas-security li kien ikun hadem times in-numru tas-sieghat, times 2.75 hlas ta’ kull siegha. Fis-Sajf kien jaghtih servizz kuljum u fix-Xitwa kien jaghtih servizz l-Erbgha, l-Gimgha u s-Sibt, naturalment ghax ix-xoghol ikun anqas. Marco Aquilina gieli hallashom.  Fil-fatt anke kif jidher mid-Dok. CSH1, kien diga hallas somma flus u huma qed ifittxuh ghall-bilanc dovut.

Ix-xhud stqarr li meta huma ma rcevewx aktar hlas, is-security tieghu kien imur ikellem lill-manager u dan jghidlu li Marco ma kienx hallielhom flus. Huwa qal illi l-ahhar manager li kellu Marco kien jismu Alberto. Meta huwa avvicina lil Marco Aquilina dwar dan qallu mela l-manager tieghu kien qed johodlu l-flus pero’ dan nonostante l-manager baqa’ jahdem mieghu. Huwa xtaq jghid li huwa kellu speci ta’ party fl-istabbiliment tieghu Fratelli fil-Waterfront u talbu biex jibghat is-security u effettivament bghattlu s-security u ma thallasx ghal dan is-servizz lanqas.

**Ronald Axisa** rega’ xehed fil-15 ta’ Dicembru 2010 fejn esebixxa rcevuta mahruga mis-socjeta’ tieghu Kerber Securities Limited a favur tal-klijent Marco Aquilina. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument Z.

**Ronald Axisa** xehed in kontro-ezami nhar it-30 ta’ Marzu 2011 spjega illi n-negozjati li ghamel in konnessjoni ma’ dan in-negozju kien ma’ Mark Aquilina personalment. Kien

Mark li qabbdu jaghmel dan is-servizz. Mistoqsi jekk jafx lil Shane Scicluna wiegeb illi jafu.

Cahad dak li gie allegat lilu li fil-bidu huwa kien ghamel xi negozjati f'din il-kwistjoni ma' Shane Scicluna. Ikkonferma li huwa minnu li jaf li Marco Aquilina ghandu interessi f'diversi kumpaniji; u li huwa negozjant. Huwa minnu wkoll illi kien hareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Jaf illi Mark effettivament ghandu post waterfront, ghandu *The Edge* u ghandu barriera. Dawn huma l-kumpaniji li jaf li ghandu, però ma jafx x'isimhom.

Tenna li l-invoices li esebixxa fl-atti kien ghaddihom lill-manager tal-konvenut, cioé l-manager li huwa kellu dakinhar. Ma marx hu personali; ikun ghaddihom tramite s-securities tieghu. Sussegwentement kien icempel lil Mark biex jara jekk jaslux u dan kien jikkonfermalu li jkunu waslu. Jaf illi apparti t-Taljan kien hemm manager iehor Malti.

Fil-fatt ma kienx jikteb "*The Client*" fuq l-inovice izda jikteb "*The Edge*" bhala l-klijent. Hekk hemm miktub fuq l-invoices – "*The Edge*." Hu kien minghalih li qed jinnegozja ma' Mark Aquilina rigward l-istabbiliment tieghu, *The Edge*.

Ma jistax jikkonferma min kien jahdem l-envelopes li kienu jircievu, però jista' jikkonferma li huma kienu jircievu pagamenti mpoggijin f'envelopes. Esebixxa kopja ta' dawn l-envelopes li kienu jircievu l-pagamenti fihom u fuqhom hemm miktub ismijiet ta' nies u l-ammonti taht, dawn gew esebiti u mmarkati globalment bhala dokument "Z". Qal li ma jafx li kien hemm punch clock fl-istabiliment *The Edge*. Mark Aquilina naturalment dejjem zamm records tal-hinijiet li kienu jahdmulu. L-ammonti ta' flus dovuti u miktuba fuq envelopes li esebixxa naturalment, gew mahduma min-nies tieghu.

Qal illi Mark Aquilina ghandu wkoll xoghol fuq radios fl-istabbiliment *Puerto Rico*. Fil-fatt qallu li lest li jaghmillu security ghall-*Peurto Rico* u Mark kien accetta, pero' qallu li huwa digà kellu r-radios u kien talbu biex jaghmillu s-

service taghhom. Tenna li kien ha seba' (7) radios ghand xi hadd li jaf, biddlilhom il-batteries, qabduhom u ghalhekk qed jiccargjah ta' dan is-servizz.

Jaf ukoll illi Marco huwa kien talbu sabiex jaghtih servizz ta' security waqt li kellu tieg fl-istabbiliment *Fratelli* l-Waterfront, u hekk kien ghamel. Naturalment ghadu ma thallasx. Il-konvenut qatt ma qallu li kellu post Waterfront; kien talbu biss biex jaghtih servizz ta' securities ghal dan l-istabbiliment. Ta' min hu dan l-istabbiliment ma jafx. Semmielu l-post fejn kien biex jibghat is-servizz hemmhekk. Fil-bidu ma kienx jaf li huwa tieghu personali, però wara sar jaf. Illum il-gurnata sar jaf li l-post kien mikri lilu. Fil-fatt kien icempel lil Mark meta s-securities tieghu kienu jghidulu li ma gabrux l-envelopes u meta kien jitkellem ma' Mark dan kien jghidlu li seraqhom il-manager. Kien hemm diversi drabi meta ma sabx il-flus hemmhekk. U kien hemm diversi drabi meta Mark wahhal fil-manager tieghu. Meta mbaghad darba minnhom cempel lill-manager, dan qabad jidhaq u qallu li hemmhekk ma kienx hemm envelopes. Meta huwa lil Mark qallu ghaliex baqa' jkompli jhaddem lill-manager jekk dan kien qed jallega li serqu, huwa wiegbu li thassru ghaliex kellu bzonn l-ghajnuna. Ma jafx kemm effettivament dam jahdem mieghu wara li allegatament seraqlu l-flus.

**<u>James Farrugia</u>** xehed ukoll fil-15 ta' Novembru 2010 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala security fis-socjeta' Kerber Securities Ltd. Effettivament huwa minnu li huwa kien jaghmel xi xoghol mal-fond ta' Marco Aquilina, maghruf bhala 'The Edge'. Huwa kien jahdem hemmhekk hamest ijiem f'gimgha. Huwa kien jiehu hsieb is-securities li jkollu mieghu u fil-gimgha jew fil-hmistax kien jigbor il-pagi tieghu u ta' kulhadd, pero' darba kien ikollu Marco Aquilina u darba le u ghalhekk kellu l-problemi biex jithallas. Ix-xhud kien jiddilja mal-manager ta' Mark, certu Alberto, Taljan. Huwa jaf li l-manager gieli kien jghidlu li ghandu biex ihallsu u gieli ma kienx ikollu. Il-flus li kien jaghtih kienu jkunu cash go envelopp zghir. Ix-xhud kien jghaddi dawn ic-cekkijiet lil Ronald Axisa u meta waqaf minn hemm u mar jahdem go hanut iehor jaghmel security

wkoll, xorta kien imur biex jigbor il-flus, pero' ma kienx jaghtihomlu. L-ahhar li hadem kien pero' xi perjodu s-sena l-ohra. Huwa ma kienx jidhol fi kwistjonijiet ta' l-ammonti imma kien jigbor l-envelopes biss.

**James Farrugia** rega' xehed nhar is-16 ta' Marzu 2011 u kkonferma illi kien jahdem fil-fond maghruf bhala 'The Edge' proprjeta' tal-konvenut. Però ma jafx meta effettivament beda dan l-impjieg. Ftakar li l-manager li kellu Marco Aquilina kellu nazzjonalita' Taljana. Lil Shane Scicluna jiftakru ghal perjodu qasir però jaf li mbaghad telaq minn hemm. Kien jaf li Shane Scicluna kellu x'jaqsam ma' Marco Aquilina. Imbaghad sar jaf li Shane hareg mix-xena u xi xahar wara li x-xhud kien beda bl-ipieg tieghu u baqa' biss Marco Aquilina.

Huwa kien jahdem bhala Chief Security u skont kemm kien ikolli bzonn securities kien jiehu fuq il-post. Ma kienx jidhol fin-negozju bejn Ronnie Axisa u Marco Aquilina. Lil Marco Aquilina kien jarah fuq il-post meta kien imur jigbor il-pagi ghall-haddiema ta' Ronald Axisa. Però ma jafx min kien wara Marco Aquilina jekk kienx de proprio jew kumpanija. Il-pulizija ghal Marco Aquilina kienu jsaqsu. Marco qatt ma kellmu lix-xhud fuq il-flus u qatt ma qallu li s-socjetà Kerber ghandha tiehu minghandu.

Farrugia stqarr li kien imur jigbor envelope zghir bi flus cash go fih, u jaghtihom lil Ronald u lil Clint. Ix-xhud cahad dak li gie allegat li kien ikun hemm l-isem tas-securities u s-sieghat li jkunu hadmu s-securities fuq dawn l-envelope. Qal li kien jghaddi l-envelope kif kienu jtuhulu; ma kienx jifthu, ma kienx jaf x'kien ikun hemm go fih. Lilu Marco qatt ma tah cekkijiet dejjem flus cash.

**Clint Axisa** xehed ukoll fil-15 ta' Novembru 2010 fejn qal illi huwa jahdem bhala security ma' Kerber Securities Limited. Huwa jokkupa l-kariga ta' manager. Huwa nkarigat biex jaghmel ir-roster tas-security u sabiex jaghmel l-invoices ukoll. Huwa kkonferma li l-invoices li hawn ezebiti ma' Dok. CSH 1, huma invoices mahruga mis-socjeta' Kerber Securities Ltd fil-konfront tal-klijent Marco Aquilina, li kellu stabbiliment 'The Edge', St.

George's Road, Paceville. Huwa kien jibghat lil James Farrugia li huwa persuna fdata mal-kumpanija sabiex jigbor il-flus u nhar ta' Tnejn ix-xhud kien jiltaqa' mad-Direttur tieghu Ronald Axisa. Huwa kien jigbidlu l-attenzjoni li Marco Aquilina ma kienx qed ihallas. Huwa kemm-il darba sema' lil Ronald Axisa jcempel lil Marco quddiemu u Marc dejjem jghidlu l-gimgha d-diehla, l-gimgha d-diehla. Huwa jaf li l-ahhar konversazzjoni kienet meta huwa cempel lil Marco Aquilina u dan qallu li l-flus kien harighom lil manager u kien seraqhomlu l-manager.

Huwa spjega li meta Farrugia kien imur jigborlu l-flus kien ikun hemm diversi nies ohrajn jistennew biex jithallsu. Huwa kkonferma li f'dokument miktub bl-idejn a fol CSH1, index of invoices hija miktuba minnu u kkonferma li l-ammont miktub, kif indikat fl-avviz, ghadu mhux imhallas. Huma baqalhom jiehdu minghandu 5,984.47 oltre l-VAT.

In kontro-ezami **<u>Clint Axisa</u>** nhar it-30 ta' Marzu 2011 ikkonferma li jahdem bhala manager mas-socjetà *Kerber Securities Limited*. Huwa jaghmel l-invoices tar-roster tas-security. Spjega li fuq il-post ma jmurx però jkun fl-ufficcju tas-socjetà. Però gieli mar fl-istabbiliment *The Edge* biex jigbor xi flus ghall-kumpanija *Kerber Securities* u kien isib nies ohra jigbru l-flus. Huwa kien jiehu hsieb l-invoices ta' Mark Aquilina u kien jghid lid-Direttur tieghu Ronald Axisa illi l-kont ta' Mark Aquilina kien tiela'. Effettivament quddiemu dan Ronald Axisa, kien icempel lil Mark Aquilina u Mark Aquilina kien jghidlu, "serrah mohhok, il-flus gejjin." Huwa qal illi l-invoices kien johroghom f'isem *The Edge* li kien jirrispondi ghaliha Mark Aquilina. Ikkonferma però illi kien Mark Aquilina illi talbuhom biex jibghatu s-securities f'*The Edge*. Is-Sur Aquilina gieli kellmu personalment. Kellmu darba gewwa l-fond *The Edge* meta nizel jitolbu l-flus.

Mistoqsi mill-Qorti jekk is-Sur Aquilina qattx qallu illi l-fond *The Edge* jaqa' taht kumpanija wiegeb illi le qatt ma qallu. Huwa kkonferma illi s-Sur Aquilina lilu qatt ma qallu sabiex johroglu l-invoices jew VAT receipt f'isem xi kumpanija partikolari.

Ix-xhud stqarr li kien ilu jahdem mal-kumpanija *Kerber* mis-sena elfejn u sebgha (2007) u qal li dan is-servizz kien diga’ jezisti fil-fond qabel ma’ beda jahdem hu. Stqarr ukoll illi meta beda jahdem ma’ *Kerber Securities* ghall-ewwel kien jahdem bhala security, però fil-fond *The Edge* qatt ma hadem. Mistoqsi jekk kellux xi kuntatt mal-fond *The Edge* fis-sena elfejn u sebgha (2007) jew bhala security jew f’kapacità ohra, qal illi ma jiftakarx li kellu.

Mistoqsi jekk jafx min hu Shane Scicluna wiegeb illi iva jaf min hu. Meta kien ha over bhala invoicing mal-*Kerber Securities Limited*, id-direttur tieghu dejjem kien qallu li huwa kellu jikkomunika ma’ Mark Aquilina. Huwa minnu illi s-securities tieghu kienu jithallsu permezz ta’ flus cash go envelope u fuq dan l-envelope kien ikun hemm isimhom u l-ammont miktub ukoll. Il-workings kienu jsiru min-nies li jmexxu *The Edge*. Jixtieq jghid però li l-pagamenti ma kinux isiru b’mod regolari; gieli qabzu anke sahansitra sitt (6) gimghat.

Mistoqsi jekk jafx illi kien hemm punch clock fl-istabiliment *The Edge* u l-haddiema tal-*Kerber* kienu jippancjaw tenna illi le ma jaf xejn dwar dan. Meta l-haddiema tieghu kienu jircievu xi ammonti neqsin, kien jattira l-attenzjoni tad-Direttur tieghu u d-direttur tieghu kien jitkellem ma’ Mark Aquilina. Huwa spjega wkoll li meta s-securities taghhom kienu jmorru ghax-xoghol kienu jibaghtu sms fi x’hin dahlu u fi x’hin hargu, lilhom, u huma naturalment jikklokkjawhom.

Il-konvenut **Marco Aquilina** xehed nhar il-11 ta’ Mejju 2011 u spjega illi f’Lulju tas-sena 2007 kien gie avvicinat minn shareholder tas-socjetà Cocktail Limited maghruf bhala Shane Scicluna u qallu li kien hemm nofs club ghall-bejgh gewwa Paceville u staqsih jekk kienx interessat fih. Dan il-club kien The Edge. Huwa ra l-affarijiet, l-accounts ta’ dan il-club u nteressa ruħu u xtara s-sehem ta’ hamsin fil-mija (50%) tas-Socjetà Cocktail Limited pemezz ta’ kumpanija tieghu maghrufa bhala Innovative Entertainment Limited, b’hekk kien hemm transfer of shares mis-socjetà Cocktail Limited ghal Innovative Entertainment. Shane Scicluna xtara l-fifty per cent (50%)

l-ohra. Ghalhekk huwa ottjena hamsin fil-mija tal-ishma u Shane Scicluna ottjena il-hamsin fil-mija l-ohra (50%).

Huwa kkonferma li fil-present huwa jokkupa l-kariga ta’ Direttur tas-socjetà Cocktail Limited, kif jidher mid-dokument li pprezenta u li gie mmarkat bhala dokument “J”. Sussegwentement fi Frar 2009 xtara ghan-nom tas-socjetà Innovative Entertainment il-hamsin fil-mija (50 %) l-ohra ta’ Shane Scicluna, u b’hekk spicca, illi l-club kien kollu jappartjeni lis-socjetà Innovative Entertainment Limited.

Ix-xhud kien jaf lid-direttur tas-socjetà Kerber Services qabel u dan in konnessjoni ma’ club li huwa kellu l-Waterfront Valletta maghruf bl-isem ta’ Heat. Hu qal illi fl-istabbiliment li kellu l-Waterfront Ronnie Axisa kien jipprovdilu s-security. Huwa kellu xi incidenti mal-haddiema tieghu, u ghalhekk kien waqqaf is-servizz tieghu u kien uza servizz ta’ haddiehor.

F’Lulju 2007 beda jopera l-istabbiliment The Edge u kien staqsa lil Shane Scicluna b’min kienu ser jahdmu bhala security u huwa qallu li kien jahdem ma’ Ronnie Axisa. Fil-fatt qal li lil Shane Scicluna kien qallu dwar il-problemi li kellu mas-socjetà ta’ Ronnie Axisa, u qallu biex ihalli f’idejh u kellu jinegozja hu mieghu. Ghalhekk l-konvenut accetta li jahdem bih.

Mistoqsi min kien Alberto Bafumi jghid li dan kien manager tas-socjetà Cocktail Limited fejn kien responsabbli jaghlaq il-cash, itihom z-Z reading u jiehu hsieb il-maintenance tal-post. Dan Bafumi kien jidhol fl-uffiċċju tieghu u huma jahdmu l-creditors u jaraw il-pagi u affarijiet bhal dawn. Huma jergghu jpoggu l-flus go envelopes separati sabiex dawn jigu mhallsa lill-haddiema, inkluz l-impjegati ta’ Kerber Services.

Il-pagi kienu jinhadmu billi hemm punch clock fl-ufficju; il-haddiema jippuncjaw meta jidhlu u jergghu jippancjaw meta johorgu. Darba minnhom fost l-ohrajn kien qed niehu kafè ma’ Ronnie Axisa, l-Estilo, u qallu biex jghaddilu l-pagament peress li kienu b’lura b’xi sitt (6) xhur. Dak il-hin

stess quddiemu kien cempel lil Veronica Cefai li tahdem il-pagi, staqsiha jekk kienx minnu li waqaw lura f'xi pagi tal-Kerber Services, u Veronica qaltlu li kienu *up to date*. Dak il-ħin cempel lil Alberto Bufami u qallu biex imur hemmhekk fejn kienu. Qallu li kien okkupat u ma setax imur. Qallu  li kien hemm Ronnie Axisa quddiemu u li allegatament kienu b'lura bil-pagi b'xi sitt (6) xhur jew sebgha (7), jaf li beda jtemtem u talbu biex jghaddi, biex jghaddihulu, u hu hekk ghamel. Qatgha minn mieghu u talab lil Ronnie jispjegalu x'kienet is-sitwazzjoni. Meta telaq minn hemm rega cempillu Alberto u Alberto qallu li kien baghat xi flus ma' xi haddiehor, u dan kien seraqhomlu. Hu wiegbu li ma kellu x'jaqsam xejn. Hu qallu li kien lest li jhallas hu.

Safejn jaf hu qal li Veronica kienet tinzel kull nhar ta' Hamis jew nhar ta' Gimgha bil-pagi u tghaddihom lil Alberto. Alberto imbaghad jieħu l-flus u jqassamhom kif mehtieg.  Skont dak ix-xoghol u l-kalkoli li ghamlu l-ammont li allegatament gie mehud minghand Alberto kien ammont ftit 'il fuq minn hamest elef Ewro (€5,000). Però dawn il-hamest elef Ewro (€5,000) ma jirrapprezentawx biss il-pagi ta' Kerber Services, imma xi pagamenti ohrajn. Esibixxa l-proċeduri li huwa inizja kontra dan Alberto u cioè l-ittra ufficjali taht il-166A, numru 1732/2011 liema ittra ġiet prezentata fit-28 ta' April 2011, u din saret mis-soċjetà Cocktail Limited. Mistoqsi mill-Qorti jekk irceviex risposta ghal din l-ittra ufficjali qal illi sal-lum il-ġurnata ma rcieva  xejn.

Mistoqsi mill-Qorti jekk irrapportax Alberto Bafumi lill-pulizija wiegeb li s'issa le. Jaf li dan kellu tarbija m'ilux u jaf li qiegħed barra bi plegg fuq każ kriminali u ghalhekk hass li kellu jkun daqsxejn uman mieghu sabiex jara jhallsux l-ewwel.

Mistoqsi x'konnessjoni ghandu mal-fond "Puerto Rico" gewwa Paceville, spjega li f'Novembru 2008 huwa kien akkwista wkoll f'isem is-soċjetà Innovative Entertainment, club iehor li qabel kien jismu "Alley", irrenovawh u gie jismu "Puerto Rico" u dan kien jitmexxa mis-soċjetà Innovative Entertainment.

Esebixxa dokumenti mahruga mill-MFSA li gew immarkati bhala dokument “H”. Huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur fis-soċjetà Innovative Entertainment Limited. Jaf li f’dan il-fond kien hemm sett radios li kellhom il-batteries taghhom bil-hsara. Personalment kien ghaddihom lil Ronnie biex jirrangahomlu u fil-fatt kien irranghom, biddel il-batteries u s-socjetà tieghu ma hallsitux taghhom.

Dwar l-ahhar fond “Fratelli,” l-Waterfront ix-xhud spjega li dan il-fond hu mmexxi mill-kumpanija tieghu maghrufa bhala Charisma Limited u huwa direttur taghha, u esebixxa dokumenti mahruga mill-MFSA li gew immarkati bhala dokument “T”. Huwa minnu wkoll li s-Sur Axisa kien tahom servizz ta’ security u kien hemm kont pendenti favur Mr Axisa.

Mistoqsi jekk qatt qal lis-Sur Axisa bis-soċjetà Charisma Limited jghid illi ma jiftakarx li kien qallu. Però fil-fatt qal li aktar le milli iva. Però dwar il-fondi li ghandu Paceville, is-Sur Axisa kien jaf li m’humiex tieghu, u li xtrahom ghan-nom tal-kumpanija, u dan ghaliex kien hemm shareholders ohrajn qabel. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa qattx ircieva xi rcevuta ta’ hlasijiet li ghamlet Innovative Entertainment lis-Sur Axisa, jghid li le, dejjem imxew billi huma jtuh il-flus. Kien biss wara li nfethet il-kawża odjerna li huwa ra kont. Jiftkar li meta giet pprezentata l-kawza odjerna kien sar mandat ta’ sekwestru fil-konfront tiegħu.

Nhar is-16 ta’ Gunju 2011 rega’ xehed **<u>Marco Aquilina</u>** u ghamel referenza ghax-xhieda tieghu u appuntu a fol. 70 tal-process u ghall-ahhar paragrafu ghall-istabbiliment The Edge. Huwa spjega illi hija effettivament s-Socjetà Cocktail Limited li taghmel il-hlasijiet u mhux in-Innovative Entertainment Limited, dik hija biss shareholder. Huwa esebixxa kopja ta’ l-ewwel mandat li sar kontrih datat l-10 ta’ April 2010 li gie immarkat bhala Dok. Z, u qal li dan kien sar fil-konfront tieghu personali. Huwa qal illi dan il-mandat kien gie notifikat lill-entitajiet tal-Gvern. Kien ta lil Avukat tieghu li dak iz-zmien kien l-Avukat Jean Karl Farrugia u qallu li din kellha tigi segwita b’kawza li

effettivament ma gietx segwita b'kawza u ghalhekk inhareg il-kontro-mandat fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Huwa kkonferma illi fid-dokument A anness ma' dan il-mandat m'hemm l-ebda kumpanija tieghu bhala sekwestratarja. Fil-5 ta' Awwissu 2010 kien inhareg mandat iehor mis-Socjetà attrici u fost is-sekwestretarji kien hemm ukoll imsemmija s-Socjetajiet tieghu Rainbow Mix Limited u Sand and Gravel Limited u jghid li huwa la hu Direttur, la mpjegat u lanqas shareholder fihom. Huwa llum il-gurnata li sar shareholder taghhom, ghaliex kien miet missieru u wirtu. Huwa qal ukoll illi hemm indikat Innovative Entertainment Limited, u Charisma Limited li huma zewg kumpaniji li jmexxu l-business fl-entertainment pero' Cocktail Limited, li hija l-kumpanija li ghandha x'taqsam ma' dan il-kaz, ma gietx imsemmija u lanqas ma sar sekwestru fuqha.

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa qattx qal lis-sur Axisa biex johrog ir-receipt f'isem Cocktail Limited qal li s-sur Axisa qatt ma hareg din l-ircevuta. Jghid li l-ammont mitlub mhux kontestat per se imma mhux dovut minnu personalment. B'referenza ghall-ammont ta' mitejn u sebgha u sittin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€267.83) dan jirrigwarda servizz li nghata lill-istabbliment Fratelli u dan lanqas ma hu qieghed jigi kontestat, pero' ghal darba ohra mhux dovut minnu. Dwar is-servizz li sar fil-fond *The Edge* huwa esebixxa prospett maghmul minnu.

B'referenza ghall-invoices esebiti a fol. 21 tal-process qal illi fejn hemm miktub *old hours in two thousand and eight (2008)* jixtieq li jkollu breakdown taghhom sabiex huwa jkun f'posizzjoni li jwiegeb. Fil-prospett li esebixxa mmarkat bhala Dok. Z hemm fih il-hinijiet tas-securities li hadmu b'isimhom, il-punch card u s-sieghat li hargu, u minnha tista' tinhareg id-differenza, jekk hemm. Huwa kkonferma li huma dejjem hadmu bis-sistema tal-punch cards biex jaraw is-sieghat attwali li jkunu hadmu l-haddiema. Fil-fehma tieghu l-ammont li ghandha tiehu s-Socjetà attrici llum hija ta' elfejn, disgha mija u seba' Ewro u ghaxar centezmi (€2,907.10) pero' dejjem minghand is-Socjetà Cocktail u dan suggett ghal konferma li jrid isir

dwar il-breakdown dwar l-ewwel talba taghhom dwar is-sieghat ta’ 198.25 hours.

In Kontro-ezami xehed li huwa ghadu jkellem lis-sur Axisa sa llum. Hu kkonferma wkoll li wara s-seduta li kien hemm fix-xahar ta’ Marzu kien mar jiehu cafe mieghu u kien qallu li verament kellu jtih u li xtaq jaghtihomlu bhala Cocktail Co. Ltd. Ma jistax jikkonferma pero’ jekk is-sur Axisa kienx jithallas mis-socjetà Cocktail Ltd qabel ma effettivament xtara s-shares taghha. Ma jifakarx li qatt qal lis-sur Axisa li effettivament kien qieghed jagixxi ghan-nom tas-Socjetà Cocktail Ltd.

Semghet ix-xhieda ta’ **Veronica Camarotta Cefai** nhar il-11 ta’ Jannar 2012 fejn ikkonfermat li tahdem mas-socjetà Rainbow Mix bhala persuna li tiehu hsieb l-accounts u ilha taghmel hekk ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs. Spjegat li apparti milli tiehu hsieb l-accounts ta’ din is-socjetà tiehu hsieb ukoll l-accounts ta’ kumpaniji ohrajn, fosthom Cocktail Limited, Innovative Limited u xi kumpanija ohra tal-construction. Marco Aquilina huwa d-direttur f’dawn il-kumpaniji kollha. Dawn il-kumpaniji joperaw fil-qasam ta’ entertainment u fil-construction. Hija spjegat li r-restaurant *Fratelli* kien immexxi mis-socjetà Charisma Limited, l-istabbiliment *Puerto Rico* mis-socjetà Innovative Limited u Barder mis-socjetà Coctail Limited u tikkonferma li kienet tiehu hsieb l-accounts ta’ dawn il-kumpaniji kollha, kif wkoll il-gbir tal-pagamenti dovuti lill-istess kumpaniji u tiehu hsieb ukoll il-pagamenti li dawn il-kumpaniji ghandhom jaghtu. Mistoqsija jekk kienitx tahdem il-*punch cards* tal-haddiema, tghid li iva, kienet taghmel dan ix-xoghol ukoll. Ikkonfermat li f’dawn l-istabbilimenti li semmiet kienu jintuzaw *punch cards*. Il-haddiema kienu jippuncjaw meta jidhlu ghax-xoghol u jippuncjaw meta johorgu wkoll. Sussegwentament skond dak li jirrizultalha f’dawn il-punch cards, hija tahdem il-pagi. Mistoqsija jekk tafx jekk Marco Aquilina ghandux xi negozju tieghu personali tghid li sa fejn taf hi ma ghandux. Murija d-dokument Z2 inserit f’dawn l-atti a fol 93 sa 97 spjegat li dan hu proprju d-dokument li hadmet fuqu flimkien ma’ Marco Aquilina, fejn qabblu l-punch cards flimkien mas-sieghat li kienet qed titlob hlas dwarhom is-socjetà attrici

fid-dokument esebit minnha. Hija spjegat li fil-kolonna fejn hemm il-kelma *actual* dan ifisser li dawk in-nies hadmu skond is-sieghat kif registrat fil-*punch card* taghhom. Il-kolonna intestata *billed* hija il-kont li rcevew minghand is-socjetà Kerber u l-kollona intestata *difference* hija d-diskepanza bejn dak li qed titlob is-socjetà attrici Kerber u dak li effettivament jirrizulta lilhom. Ikkonfermat li d-diskrepanza totali li sabu kienet tammonta ghal 191.85 hours li jsarrfu f'elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,228.48).

Ix-xhud stqarret li l-karta li giet moghtija lil Marco Aquilina mis-socjetà Kerber Company Limited kienet dik inserita fl-atti, immarkata bhala dokument CSH1 a fol 21. Fuq id-dokument mahrug mill-Kerber Security Services kien hemm l-ewwel *item old hours* u ma setghetx tahdmu ghaliex records qodma ma kellhomx. Mistoqsija dwar l-item 10 u 11 fuq dan id-dokument tenniet li ma sabitx dawn fir-records taghhom lanqas. Ikkonfermat li bhala Cocktail Limited ghandhom jaghtu s-somma ta' €2,907.10, is-socjetà Charisma ghandha taghti €169.92 waqt li s-socjetà Innovative ghandha taghti is-somma €267.83 u dan dejjem lis-socjetà attrici.

Mistoqsija jekk tafx min hu Alberto Bafumi tghid li iva tafu, kien jahdem mas-socjetà Cocktail Limited. Illum il-gurnata pero' ma ghadux jahdem hemm. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' speci ta' Manager. Mistoqsija jekk kienx involut fil-hlas ta' pagamenti tghid li iva kien, kienet tlestilu l-pagamenti iddahhalhom gos-safe u sussegwentamant huwa jhallas il-haddiema relattivi. Qalet li ma kellha l-ebda kuntatt mas-socjetà attrici, il-kuntatt taghha kien ikun ma' Alberto. Mistoqsija mill-Qorti jekk hija qattx tat struzzjonijiet lil Alberto sabiex jinforma lill-kumpanija Kerber li l-kontijiet taghha ghandhom johorgu f'isem kumpaniji differenti wiegbet li le qatt ma' tat dawn l-istruzzjonijiet. Enfasizzat li kien Alberto li kien jiehu hsieb.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar t-13 ta' Gunju 2012 fejn il-partjiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel kaz il-konvenut eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Jinghad pero’ li fil-bicca l-kbira ta` dawk il-kazi fejn kreditu pretiz jigi kontestat abbazi tad-difiza ta` l-illegittimita` tal-persuna, il-kwistjoni tkun ghaliex l-allegat debitur jghid li huwa ma kienx qieghed jagixxi fil-kwalita` personali tieghu izda bhala rapprezentant ta` kumpanija. Il-gurisprudenza taghna tat direzzjoni bl-insenjamenti taghha dwar kif materja ta` din ix-xorta ghandha tigi trattata (ara: PA/JZM – **“<u>Zammit noe vs Lubinsky</u>”** – 30 ta` Marzu 2010 ; Appell – **“<u>Vella vs Vella</u>”** - 3 ta` Dicembru 1999 ; Appell - **“<u>Caruana et vs Magro et</u>” -** 6 ta` Ottubru 1999 ; Appell – **“<u>Formosa et noe vs Felice</u>”** – 6 ta` Ottubru 1999 ; K/JDC - **“<u>Bonnici noe vs Grima</u>” -** 30 ta` April 1992 (LXXVI.IV.677) ; u K/FGC - **“<u>Cilia noe vs Scicluna</u>”** - 27 ta` April 1992 (LXXVI.IV.673).

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta’ Jannar 2007 fl-ismijiet ‘**<u>Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta’ l-ilma et vs Emanuel Grixti’</u>** jinghad li “*b’relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta’ rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu’ ta’ liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista’ tkun wahda kemm ‘di dare’ jew ‘di fare’ jew ‘di non fare’. Tali rapport obbligatorju jista’ jkun wiehed f’sens strett u jista’ jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*.”

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et’,</u>** deciza nhar il-hamsa (5) t’Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*“Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur,*

*holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Referenza ohra fuq il-materja in kwistjoni u cioe' dwar l-eccezzjoni li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur hija ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono'</u>** deciza nhar il-21 ta' Marzu 2002 fejn inghad li:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices,*

*statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi ma hemmx dubju li l-konvenut huwa negozjant pero' dan ma jfissirx li huwa dejjem jahdem u jopera f'isem kumpanija *multo magis* meta huwa ghandu diversi kumpaniji. Huwa l-obbligu tieghu li jgharraf lill-kredituri liema huma l-kumpaniji minn fejn qed jopera. Ma jistax il-konvenut jippretendi li s-socjeta' attrici tkun taf taht liema kumpanija huwa agixxa meta taha s-servizz jekk qatt ma gharrafha. Meta l-konvenut gie mistoqsi mill-Qorti jekk qatt gharrafx lis-socjeta' attrici b'isem il-kumpanija tieghu wiegeb fin-negattiv u jghid li ma hassx li kellu ghalfejn ghaliex min ghalih li Ronnie Axisa Direttur tas-socjeta' attrici kien jaf. Pero' Ronnie Axisa meta xehed fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011 (fol. 3) u gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-konvenut kellu kumpaniji jghid li jaf li ghandu barriera u post il-Waterfront li wara sar jaf li kien gie mikri lilu u jaf li ghandu il-fond The Edge. Pero' jghid li fl-invoices taghhom kien jikteb bhala 'The client' il-fond 'The Edge' u minghalih li kien qed jinnegozja ma' Mark Aquilina. Jinghad ukoll b'referenza ghal dak li qal Clint Axisa fil-kwalita' tieghu ta' manager tas-socjeta' attrici li huwa dejjem ikkomunika mal-konvenut personalment. Jghid li kien johrog l-invoices f'isem *The Edge* u ghaliha kien jirrispondi l-konvenut u dan kien jghidlu '*serrah mohhok il-flus gejjin'* (vide fol. 56). Mistoqsi mill-Qorti jekk il-konvenut qattx qallu li l-fond The Edge jaqa' taht xi kumpanija iwiegeb u jghid ex-admisses '*le qatt ma qalli – nixtieq nghid li s-sur Aquilina lili qatt ma qalli sabiex nohroglu l-invoices jew VAT receipts f'isem xi kumpanija partikolari*'. Mistoqsi jekk is-socjeta' attrici kinitx fil-passat

tithallas ghas-servizz li tat permezz ta’ cekkijiet, jghid li l-konvenut dejjem hallashom cash.

In oltre jirrizulta minn ezami tal-break down esebita minn Ronnie Axisa a fol. 21 immarkata bhala Dok CSH 1, liema dokument ma giex kontestat fir-rigward tal-hlas li sar akkont hemm indikat li mis-somma originarjament pretiza mis-socjeta’ attrici sar pagament akkont ta’ elfejn u wiehed w ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,021.88) minn Alberto, il-Manager li kellu l-konvenut. Minn imkien ma jirrizulta li dan il-pagament sar ghan-nom ta’ xi kumpanija u ghalhekk dan isahhah it-tezi tas-socjeta’ attrici ta’ kif kien isir il-hlas lilha. Mill-atti ma jidhirx li hemm ricevuta wahda jew invoice wahda ndirizzata lil xi socjeta’ tal-konvenut u dan minkejja t-tul ta’ zmien ta’ negozju li kien ilu ghaddej bejn il-partjiiet.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli personalment stante li mill-provi prodotti ma hemm xejn x’jindika li s-socjeta’ attrici kienet taf bl-ezistenza ta’ din l-allegata socjeta’ u ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi pero’ l-konvenut ipprezenta eccezzjonijiet ukoll dwar il-mertu partikolarment li s-socjeta’ attrici jehtigilha tressaq prova tas-servizzi li allegatament inghataw lill-konvenut personalment u tal-valur ta’ l-istess imsemmija servizzi skond il-ligi inkluz *inter alia* skond Artikolu 62 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta’ Malta), jghid ukoll dwar il-mertu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti billi m’huwiex minnu illi l-eccipjenti huwa debitur tas-socjeta’ attrici.

Hu proprju f’dan l-istadju, qabel ma’ l-Qorti ser tifli l-provi prodotti dwar il-mertu, li l-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) dwar it-tip ta’ prova li hi necessarja sabiex attur jipprova l-kaz tieghu, u cioe’ s-sentenza fl-ismijiet ‘**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi’**

deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-*

*razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa fil-kaz in ezami is-socjeta' attrici resqet lid-Direttur taghha Ronnie Axisa jixhed u dan esebixxa numru ta' dokumenti fosthom diversi invoices li jindikaw is-servizz li huwa ta lill-fond 'The Edge' matul il-perjodu bejn 2008 u s-7 ta' Dicembru 2009 kif jirrizulta mill-istess invoices esebiti a fol. 22 et seq - huwa esebixxa ricevuta li ghamel dwar ir-radios tal-istabbiliment "The Alley" f'isem is-socjeta' (Dok CSH 2 a fol. 32), u time sheets dwar xoghol li sar fil-fond "The Edge" fis-sena 2008 (Dok CSH 3 a fol 33 et seq).

Illi minn ezami ta' dawn id-dokumenti jirrizulta ghalhekk li s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf, mija u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€1,140.80) dovuti ghas-servizzi rezi lill-fond "The Edge" ghal perjodu ta' l-elfejn u tmienja (2008) skond it-time sheets esebiti u cioe' ghal 178.25 hours ta' security [kif muri f'fol CSH1 a fol. 21, *bullet* 1 ikkalkulat fuq Dok CSH] is-somma ta' sitt elef u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€6,020.80) ghal servizz ta' security ukoll moghti lill-istabiliment "The Edge" skond l-invoices esebiti a fol 22 sa fol 30, is-somma ta' mija u erbgha u erbghin Ewro (€144) ghas-servizz ta' security ghat-tieg li sehh il-Waterfront skond dokument esebit a fol 31 (ghalkemm l-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li ghas-servizz tas-security li nghata ghat-tieg gewwa Fratelli fl-ammont ta' mitejn u sebgha u sittin Ewro  u tlieta u tmenin centezmu (€267.83) dan mhux qed jigi kontestat (fol. 86) u fid-dokument rilaxjat mis-socjeta' attrici hemm indikat is-somma ta' mitejn u erbgha u disghin Ewro u sebgha w hamsin centezmu (€294.57) (cioe' is-somma ta' €409.55 batteries and weddings neqsin is-somma ta' €114.98 ghal service tal-batteriji ta' Puerto Rico skond id-dokument CSH 2 a fol. 32  [€409.55-€114.98 = €294.57] ). Jinghad li fid-dokument a fol CSH 1 hemm referenza ghal xi invoice li tkopri allegatament il-perjodu mit-30 ta' Marzu 2009 sas-26 ta' April 2009 fl-ammont ta' €435.20. Dwar din l-invoice li qatt ma giet esebita l-Qorti sejra tiskarta t-talba taghha.

Ghalhekk in toto s-socjeta’ attrici qed issostni li kellha tithallas s-somma ta’ €1,140.80 + €6,020.80 + €409.55, b’total ta’ sebat elef, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u hmistax-il centezmu (€7,571.15). Issa minn ezami ta’ dan id-dokument CSH1 is-socjeta’ attrici stqarret li l-konvenut ghamel pagament tramite l-manager tieghu Alberto fl-ammont ta’ elfejn u wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,021.88) u ghalhekk il-bilanc illum huwa ta’ hamest elef, hames mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,549.27).

Illi s-socjeta’ attrici kkonfermat li l-konvenut minn dejjem kien jghid li kien ser ihallas pero’ allega li l-manager tieghu Alberto kien iddefrodah is-somma ta’ hames elef Ewro (€5,000) u fil-fatt kien anke pprezenta ittra ufficcjali kontra tieghu ghalkemm huwa nteressanti li jigi notat li din l-ittra giet prezentata fil-mori tal-kawza u cioe’ nhar it-28 ta’ April 2011 u dan minkejja li kien jaf dwar dawn in-nuqqasijiet minn qabel. L-attur jghid li l-konvenut kien ihalsu billi jaghtih flus cash fil-gimgha u jpoggihom go envelope zghir kannella bl-isem tas-security man partikolari. Huwa fil-fatt esebixxa kampjun ta’ dawn l-envelopes fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2011 bhala Dok Z a fol. 55. Din ix-xhieda wkoll mhix kontestata mill-konvenut. Ronald Axisa jghid li l-konvenut kien qallu li xtaq ihalsu pero’ kellu problema ma’ dan Alberto izda dan nonostante baqa’ ma halsux. Ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar xi kont partikolari lanqas mill-eccezzjonijiet tal-konvenut. Id-diskrepanza tqajmet biss waqt il-mori tal-kawza.

Minn naha l-ohra l-konvenut jghid li jammetti li parti mid-debitu reklamat mis-socjeta’ attrici hija dovuta u dan partikolarment ghad-debitu kollu salv dak li jirigwarda is-servizz moghti fis-sena 2008 ghaliex jghid li ma nghatax breakdown tas-sieghat ta’ xoghol li qed jirreklama l-attur. Dwar dan pero’ l-konvenut m’ghandux ragun ghaliex hemm it-time sheets esebiti. Il-konvenut jghid li l-haddiema kellhom punch clock u kien ghalhekk jirregistra s-sieghat ta’ xoghol skond dan il-punch clock. Pero’ haga ta’ l-iskantament readings ta’ dan il-*punch clock* ma gewx esebiti u in oltre ma tressaq l-ebda xhud sabiex jikkonferma li kien hemm punch clocks meta kien jaf mix-

xhieda tas-socjeta' attrici stess li cahdu li effettivament kien hemm *punch clocks*. Ix-xhieda tas-socjeta' attrici, fosthom James Farrugia jghid li kienu jibghatu sms meta jidhlu u meta johorgu mix-xoghol dwar il-konferma tal-hin. Qatt ma' semma *punch clocks*.

Dwar certi aspetti tax-xhieda migbura jirrizulta li hemm konflitt u dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**George Bugeja vs Joseph Meilaq'** deciza nhar it-30 ta' Ottubru 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie ritenut li:

*"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubbio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

Issa minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti anke mix-xhieda prodotta mill-istess konvenut li l-konvenut de proprio huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont inferjuri ghal dak mitlub minnha u cioe' fl-ammont ta' hamest elef, hames mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,549.27).

**Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed tilqa' t-talba attrici ghalkemm ridotta fl-ammont ta' hamest elef, hames mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,549.27) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din l-istess somma lis-socjeta' attrici.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mis-socjeta' attrici u l-ispejjez ancillari msemmija fir-rikors opportun relattivi ghal prezentata ta' l-ittra ufficcjali datata 11 ta' Mejju 2010 u dwar il-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

**L-imghax kummercjali ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------